C/2025/6749

19.12.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12229 — JIP / MITSUBISHI LOGISNEXT)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6749)

1. Fit-8 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Japan Industrial Partners Inc (bil-fondi affiljati tagħha "JIP", il-Ġappun), ikkontrollata minn Japan Industrial Partners Holdings Inc.,

— Mitsubishi Logisnext Co., Ltd. (bis-sussidjarji tagħha, l-"impriża fil-mira", il-Ġappun), ikkontrollata minn Mitsubishi Heavy Industries, Ltd.

JIP se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-impriża fil-mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-30 ta' Settembru 2025.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— JIP hija negozju ta' investiment ta' ekwità privata li jiffoka fuq ir-riorganizzazzjoni u r-ristrutturar ta' kumpaniji Ġappuniżi.

— L-impriża fil-mira hija manifattur tat-tagħmir loġistiku bil-kwartieri ġenerali tagħha fil-Ġappun, li timmanifattura u tikkummerċjalizza forklifts u tagħmir u sistemi loġistiċi relatati. L-attivitajiet tagħha jiffukaw fuq l-Asja, l-Amerika ta' Fuq u l-Ewropa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12229 — JIP / MITSUBISHI LOGISNEXT

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË